II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/137

tal-10 ta' Ottubru 2022

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex jiffunzjona, is-suq intern jeħtieġ standards statistiċi applikabbli għall-ġbir, it-trażmissjoni u l-pubblikazzjoni tal-istatistika nazzjonali u tal-Unjoni biex in-negozji, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-gvernijiet u l-operaturi l-oħra kollha fis-suq intern ikun jista' jkollhom aċċess għal *data* statistika affidabbli u komparabbli. Għal dan il-għan, hu vitali li l-bosta kategoriji tal-klassifikazzjoni tal-attivitajiet fl-Unjoni jiġu interpretati b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha.

(2) Statistika affidabbli u komparabbli hija meħtieġa biex in-negozji jkunu jistgħu jivvalutaw il-kompetittività tagħhom, u hija utli biex l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jipprevjenu distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 stabbilixxa klassifikazzjoni statistika komuni tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa n-"NACE Rev. 2"), biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-istatistika fil-mument tal-adozzjoni tiegħu, u sakemm jibqa' konformi mal-ambjent teknoloġiku u mal-istruttura tal-ekonomija, kif ukoll mal-klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali internazzjonali rilevanti.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jemendaw l-Anness I biex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi ekonomiċi jew teknoloġiċi jew biex tallinjah ma' klassifikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali oħrajn.

(5) Mid-dħul fis-seħħ tan-NACE Rev. 2 fl-1 ta' Jannar 2008, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biddlu l-mod kif ħafna attivitajiet ekonomiċi jipprovdu l-oġġetti u s-servizzi. Ċerti attivitajiet ġodda kisbu importanza, filwaqt li oħrajn tilfu l-importanza tagħhom fl-ekonomija dinjija. Saru wkoll bidliet malajr fl-ambjent tat-teknoloġija tal-informazzjoni. Barra minn hekk, iż-żieda fl-għarfien tal-impatt tal-ekonomija fuq l-ambjent ħolqot attivitajiet speċjalizzati għall-protezzjoni tal-ambjent.

([1]) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

(6) Il-komparabbiltà internazzjonali tal-istatistika ekonomika tirrikjedi li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jużaw klassifikazzjonijiet tal-attivitajiet ekonomiċi li jkunu marbuta direttament mal-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha (ISIC).

(7) Wara l-adozzjoni tar-Reviżjoni 5 tal-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi Kollha ("ISIC Rev. 5") mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, il-klassifikazzjoni NACE jenħtieġ li tiġi adattata biex tibqa' komparabbli u konsistenti mal-istandards ta' klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi użati fil-livell internazzjonali.

(8) Billi tqis l-attivitajiet ekonomiċi l-ġodda miksuba permezz ta' żviluppi strutturali, xjentifiċi u teknoloġiċi riċenti, il-klassifikazzjoni NACE jenħtieġ li tkun tirrifletti aktar mill-qrib ir-realtà tal-attivitajiet ekonomiċi attwali fl-Unjoni.

(9) Klassifikazzjoni NACE aġġornata hija vitali għall-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex timmodernizza l-produzzjoni tal-istatistika tal-Unjoni. Din il-klassifikazzjoni aġġornata mistennija tikkontribwixxi, permezz ta' *data* aktar komparabbli u rilevanti, għal governanza ekonomika aħjar kemm fil-livell tal-Unjoni u anki fil-livell nazzjonali.

(10) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2025.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, dan ir-Regolament għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* mid-dati li ġejjin:

(a) għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 ([2]), fir-rigward ta':

— l-istatistika dwar l-istruttura u d-distribuzzjoni tal-qligħ, dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2026;

— statistika dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-kostijiet lavorattivi, dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2028;

(b) għar-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2026;

(c) għar-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2027;

(d) għar-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2028;

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u dwar l-ispejjeż tax-xogħol (ĠU L 63, 12.3.1999, p. 6).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart (ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol (ĠU L 69, 13.3.2003, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità (ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1).

(e) għar-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2030;

(f) għar-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2026;

(g) għar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2027;

(h) għar-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), fir-rigward ta':

— ANNESS II — Dominju: Kura tas-saħħa, suġġett: "Infiq u finanzjament għall-kura tas-saħħa", dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2027;

— ANNESS IV — Dominju: Inċidenti fuq ix-xogħol, dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2027;

(i) għar-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), fir-rigward ta':

— Anness I — MODULU GĦALL-KONTIJIET TAL-EMISSJONIJIET FL-ARJA, dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2028;

— Anness II — MODULU GĦAT-TAXXI RELATATI MAL-AMBJENT MILL-ATTIVITÀ EKONOMIKA, dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2028;

— Anness IV — MODULU GĦALL-KONTIJIET TAL-PROTEZZJONI TAL-INFIQ AMBJENTALI, dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2028;

— Anness V — MODULU GĦALL-KONTIJIET TAS-SETTUR TAL-OĠĠETTI U S-SERVIZZI AMBJENTALI, dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2028;

— Anness VI — MODULU GĦALL-KONTIJIET TAL-FLUSSI FIŻIĊI TA' ENERĠIJA, dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2028;

(j) għar-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]), dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2026;

(k) għar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]), fir-rigward tal-Anness B, dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* minn Settembru 2029;

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità (ĠU L 145, 4.6.2008, p. 234).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70).

([10]) Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej (ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1).

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 32, 3.2.2012, p. 1).

([12]) Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1).

(l) għar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]), fir-rigward ta':

— id-dominji "il-forza tax-xogħol" u "id-dħul u l-kundizzjonijiet tal-għajxien", dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2026;

— id-dominju "l-edukazzjoni u t-taħriġ", dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2028;

— id-dominji "il-konsum" u "l-użu tal-ħin", dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2030;

— id-dominju "is-saħħa", dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2031;

(m) għar-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]), fir-rigward ta':

— l-Artikolu 6(1), il-punt (a), dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* bbażata mill-ġdid fuq is-sena 2025;

— l-Artikolu 6(2), il-punti (c) u (d), dan għandu japplika għat-trażmissjonijiet tad-*data* b'rabta ma' kull perjodu ta' referenza mill-1 ta' Jannar 2026.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([13]) Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1).

([14]) Ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li thassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1).

ANNESS

AĠĠORNAMENT 1 TAN-NACE REV. 2 (NACE REV. 2.1)

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
			TAQSIMA A — AGRIKOLTURA, FORESTRIJA U SAJD
01			Produzzjoni tal-għelejjel u tal-annimali, kaċċa u attivitajiet ta' servizz relatati
	01.1		Tkabbir tal-għelejjel mhux perenni
		01.11	Tkabbir taċ-ċereali (għajr ir-ross), l-għelejjel leguminużi u ż-żrieragħ taż-żejt
		01.12	Tkabbir tar-ross
		01.13	Tkabbir tal-ħaxix u tal-bettieħ, l-għeruq u t-tuberi
		01.14	Tkabbir tal-kannamieli
		01.15	Tkabbir tat-tabakk
		01.16	Tkabbir tal-għelejjel fibrużi
		01.19	Tkabbir ta' għelejjel oħra mhux perenni
	01.2		Tkabbir tal-għelejjel perenni
		01.21	Tkabbir tal-għeneb
		01.22	Tkabbir tal-frott tropikali u subtropikali
		01.23	Tkabbir tal-frott taċ-ċitru
		01.24	Tkabbir tal-frott taż-żerriegħa u frott tal-għadma
		01.25	Tkabbir ta' frott u ġewż ieħor tas-siġar u tal-arbuxxell
		01.26	Tkabbir tal-frott żejtni
		01.27	Tkabbir tal-għelejjel tax-xarbiet
		01.28	Tkabbir tal-ħwawar u tal-għelejjel aromatiċi, mediċinali u farmaċewtiċi
		01.29	Tkabbir ta' għelejjel perenni oħra
	01.3		Propagazzjoni tal-pjanti
		01.30	Propagazzjoni tal-pjanti
	01.4		Produzzjoni tal-annimali
		01.41	Trobbija tal-ifrat tal-ħalib
		01.42	Trobbija ta' frat oħra u l-bufli
		01.43	Trobbija taż-żwiemel u ekwini oħra
		01.44	Trobbija tal-iġmla u l-kamelidi
		01.45	Trobbija tan-nagħaġ u l-mogħoż
		01.46	Trobbija tal-ħnieżer
		01.47	Trobbija tal-pollam
		01.48	Trobbija ta' annimali oħra
	01.5		Biedja mħallta

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		01.50	Biedja mħallta
	01.6		Attivitajiet ta' appoġġ għall-agrikoltura u attivitajiet ta' wara l-ħsad tar-raba'
		01.61	Attivitajiet ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-għelejjel
		01.62	Attivitajiet ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-annimali
		01.63	Attivitajiet ta' wara l-ħsad tar-raba' u tal-ipproċessar taż-żerriegħa għall-propagazzjoni
	01.7		Kaċċa, insib u attivitajiet ta' servizz relatati
		01.70	Kaċċa, insib u attivitajiet ta' servizz relatati
02			Forestrija u qtugħ tas-siġar għall-injam
	02.1		Silvikultura u attivitajiet oħra tal-forestrija
		02.10	Silvikultura u attivitajiet oħra tal-forestrija
	02.2		Qtugħ tas-siġar għall-injam
		02.20	Qtugħ tas-siġar għall-injam
	02.3		Ġbir ta' prodotti mhux tal-injam li jikbru fis-salvaġġ
		02.30	Ġbir ta' prodotti mhux tal-injam li jikbru fis-salvaġġ
	02.4		Servizzi ta' appoġġ għall-forestrija
		02.40	Servizzi ta' appoġġ għall-forestrija
03			Sajd u akkwakultura
	03.1		Sajd
		03.11	Sajd fil-baħar
		03.12	Sajd fl-ilma ħelu
	03.2		Akkwakultura
		03.21	Akkwakultura marina
		03.22	Akkwakultura tal-ilma ħelu
	03.3		Attivitajiet ta' appoġġ għas-sajd u l-akkwakultura
		03.30	Attivitajiet ta' appoġġ għas-sajd u l-akkwakultura
			TAQSIMA B — MINJERI U BARRIERI
05			Estrazzjoni tal-faħam u tal-linjite mill-minjieri
	05.1		Estrazzjoni tal-faħam iebes mill-minjieri
		05.10	Estrazzjoni tal-faħam iebes mill-minjieri
	05.2		Estrazzjoni tal-linjite mill-minjieri
		05.20	Estrazzjoni tal-linjite mill-minjieri
06			Estrazzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-gass naturali
	06.1		Estrazzjoni taż-żejt mhux maħdum
		06.10	Estrazzjoni taż-żejt mhux maħdum
	06.2		Estrazzjoni tal-gass naturali

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		06.20	Estrazzjoni tal-gass naturali
07			Estrazzjoni tal-minerali tal-metalli mill-minjieri
	07.1		Estrazzjoni tal-minerali tal-ħadid mill-minjieri
		07.10	Estrazzjoni tal-minerali tal-ħadid mill-minjieri
	07.2		Estrazzjoni tal-minerali tal-metall nonferruż mill-minjieri
		07.21	Estrazzjoni tal-minerali tal-uranju u t-torju mill-minjieri
		07.29	Estrazzjoni ta' minerali tal-metall nonferruż oħra mill-minjieri
08			Estrazzjonijiet oħra mill-minjieri u l-barrieri
	08.1		Tqattigħ tal-ġebel, tar-ramel u tat-tafal mill-barrieri
		08.11	Tqattigħ tal-ġebel ornamentali, tal-franka, tal-ġipsum, tal-lavanja u ta' ġebel ieħor mill-barrieri
		08.12	Tħaddim tal-fosos taż-żrar u tar-ramel, u estrazzjoni tat-tafal u l-kawlina mill-minjieri
	08.9		Estrazzjoni mill-minjieri u tqattigħ mill-barrieri m.k.b.
		08.91	Estrazzjoni tal-minerali kimiċi u fertilizzanti mill-minjieri
		08.92	Estrazzjoni tal-pit
		08.93	Estrazzjoni tal-melħ
		08.99	Estrazzjonijiet mill-minjieri u tqattigħ mill-barrieri oħra m.k.b.
09			Attivitajiet ta' servizz ta' appoġġ għall-estrazzjoni mill-minjieri
	09.1		Attivitajiet ta' appoġġ għall-estrazzjoni tal-petroleum u l-gass naturali
		09.10	Attivitajiet ta' appoġġ għall-estrazzjoni tal-petroleum u l-gass naturali
	09.9		Attivitajiet ta' appoġġ għall-estrazzjoni mill-minjieri u t-tqattigħ mill-barrieri
		09.90	Attivitajiet ta' appoġġ għall-estrazzjoni mill-minjieri u t-tqattigħ mill-barrieri
			TAQSIMA Ċ — MANIFATTURA
10			Manifattura tal-prodotti tal-ikel
	10.1		Ipproċessar u preservazzjoni tal-laħam u produzzjoni tal-prodotti tal-laħam
		10.11	Ipproċessar u preservazzjoni tal-laħam, għajr il-laħam tal-pollam
		10.12	Ipproċessar u preservazzjoni tal-laħam tat-tjur
		10.13	Produzzjoni tal-prodotti tal-laħam u tal-laħam tat-tjur
	10.2		Ipproċessar u preservazzjoni tal-ħut, tal-krustaċji u tal-molluski
		10.20	Ipproċessar u preservazzjoni tal-ħut, tal-krustaċji u tal-molluski
	10.3		Ipproċessar u preservazzjoni tal-frott u l-ħaxix
		10.31	Ipproċessar u preservazzjoni tal-patata
		10.32	Manifattura tal-meraq tal-frott u tal-ħaxix

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		10.39	Ipproċessar u preservazzjoni oħra tal-frott u l-ħaxix
	10.4		Manifattura taż-żjut u x-xaħmijiet mill-ħxejjex u mill-annimali
		10.41	Manifattura taż-żjut u x-xaħmijiet
		10.42	Manifattura tal-marġerina u ta' xaħmijiet simili li jittieklu
	10.5		Manifattura tal-prodotti tal-ħalib u ta' silġ li jittiekel
		10.51	Manifattura tal-prodotti tal-ħalib
		10.52	Manifattura tal-ġelat u ta' silġ ieħor li jittiekel
	10.6		Manifattura tal-prodotti tal-qmuħ miṫħunin, il-lamti u prodotti oħra tal-lamtu
		10.61	Manifattura tal-prodotti tal-qmuħ miṫħunin
		10.62	Manifattura tal-lamti u l-prodotti tal-lamtu
	10.7		Manifattura tal-prodotti moħmija u magħmula mid-dqiq
		10.71	Manifattura tal-ħobż; manifattura tal-oġġetti tal-għaġina u kejkijiet friski
		10.72	Manifattura tal-biskuttelli, il-gallettini, l-għaġina ppreservata u l-kejkijiet
		10.73	Manifattura tal-prodotti mid-dqiq
	10.8		Manifattura ta' prodotti tal-ikel oħrajn
		10.81	Manifattura taz-zokkor
		10.82	Manifattura tal-kawkaw, iċ-ċikkulata u l-ħelu
		10.83	Ipproċessar tat-te u tal-kafè
		10.84	Manifattura tal-kondimenti u l-ħwawar
		10.85	Manifattura tal-ikliet u l-platti ppreparati
		10.86	Manifattura tal-preparazzjonijiet tal-ikel omoġenizzati u l-ikel dijetetiku
		10.89	Manifattura ta' prodotti oħra tal-ikel m.k.b.
	10.9		Manifattura tal-għalf preparat tal-annimali
		10.91	Manifattura tal-għalf preparat tal-annimali tal-farm
		10.92	Manifattura tal-ikel preparat tal-annimali domestiċi
11			Manifattura tax-xarbiet
	11.0		Manifattura tax-xarbiet
		11.01	Distillazzjoni, rettifikazzjoni u taħlit tal-ispirti
		11.02	Manifattura tal-inbid mill-għeneb
		11.03	Manifattura tas-sidru u ta' xarbiet fermentati oħra tal-frott
		11.04	Manifattura ta' xarbiet oħra mhux distillati u fermentati
		11.05	Manifattura tal-birra
		11.06	Manifattura tal-malt

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		11.07	Manifattura tas-soft drinks u l-ilma fil-fliexken
12			Manifattura tal-prodotti tat-tabakk
	12.0		Manifattura tal-prodotti tat-tabakk
		12.00	Manifattura tal-prodotti tat-tabakk
13			Manifattura tat-tessuti
	13.1		Preparazzjoni u għażil tal-fibri tat-tessuti
		13.10	Preparazzjoni u għażil tal-fibri tat-tessuti
	13.2		Insiġ tat-tessuti
		13.20	Insiġ tat-tessuti
	13.3		Finitura tat-tessuti
		13.30	Finitura tat-tessuti
	13.9		Manifattura ta' tessuti oħra
		13.91	Manifattura tat-tessuti nnittjati u maħdum bil-ganċ
		13.92	Manifattura tat-tessuti domestiċi u l-arredamenti manifatturati
		13.93	Manifattura tat-twapet u r-rugs
		13.94	Manifattura tal-kurduni, il-ħbula, l-ispag u x-xbieki
		13.95	Manifattura tal-oġġetti mhux minsuġa
		13.96	Manifattura ta' tessuti tekniċi u industrijali oħra
		13.99	Manifattura ta' tessuti oħra m.k.b.
14			Manifattura tal-ilbies
	14.1		Manifattura tal-ilbies innittjat u maħdum bil-ganċ
		14.10	Manifattura tal-ilbies innittjat u maħdum bil-ganċ
	14.2		Manifattura ta' lbies u aċċessorji oħra
		14.21	Manifattura tal-ħwejjeġ ta' fuq
		14.22	Manifattura tal-ħwejjeġ ta' taħt
		14.23	Manifattura tal-ħwejjeġ tax-xogħol
		14.24	Manifattura tal-ħwejjeġ tal-ġilda u l-ilbies tal-fer
		14.29	Manifattura ta' lbies u aċċessorji oħra li jintlibsu m.k.b.
15			Manifattura tal-ġilda u prodotti relatati ta' materjali oħra
	15.1		Ikkunzar, tiżbigħ, irfinar tal-ġilda u l-fer; manifattura tal-bagalji, il-basktijiet, l-oġġetti tas-sarraġ u x-xedd
		15.11	Ikkunzar, irfinar, tiżbigħ tal-ġilda u l-fer
		15.12	Manifattura tal-bagalji, l-basktijiet, l-oġġetti tas-sarraġ u x-xedd ta' kwalunkwe materjal
	15.2		Manifattura tal-ilbies tas-saqajn

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		15.20	Manifattura tal-ilbies tas-saqajn
16			Manifattura tal-injam u tal-prodotti tal-injam u tas-sufra, għajr l-għamara; manifattura tal-oġġetti tat-tiben u materjali tad-dfir
	16.1		Isserrar u nċanar tal-injam; ipproċessar u finitura tal-injam
		16.11	Isserrar u nċanar tal-injam
		16.12	Ipproċessar u finitura tal-injam
	16.2		Manifattura tal-prodotti tal-injam, is-sufra, it-tiben u l-materjali tad-dfir
		16.21	Manifattura tal-injam folettat u l-pannelli tal-injam
		16.22	Manifattura tal-art tal-parké assemblata
		16.23	Manifattura ta' karpenterija u ġonġituri tal-bini oħra
		16.24	Manifattura tal-konteni tal-injam
		16.25	Manifattura tal-bibien u t-twieqi tal-injam
		16.26	Manifattura tal-fjuwils solidi mill-bijomassa veġetali
		16.27	Finitura tal-prodotti tal-injam
		16.28	Manifattura ta' prodotti oħra tal-injam u oġġetti tas-sufra, tat-tiben u tal-materjali tad-dfir
17			Manifattura tal-karta u tal-prodotti tal-karta
	17.1		Manifattura tal-polpa, tal-karta u tal-kartun
		17.11	Manifattura tal-polpa
		17.12	Manifattura tal-karta u l-kartun
	17.2		Manifattura tal-oġġetti tal-karta u l-kartun
		17.21	Manifattura tal-karta u l-kartun korrugati u tal-konteni tal-karti u tal-kartun
		17.22	Manifattura tal-oġġetti domestiċi u sanitarji, u tal-ħtiġijiet tat-twaletta
		17.23	Manifattura tal-kartolerija tal-karti
		17.24	Manifattura tal-karta għall-kisi tal-ħitan
		17.25	Manifattura ta' oġġetti oħra tal-karta u l-kartun
18			Stampar u riproduzzjoni tal-midja reġistrata
	18.1		Stampar u attivitajiet ta' servizz relatati mal-istampar
		18.11	Stampar tal-gazzetti
		18.12	Stampar ieħor
		18.13	Servizzi bi tħejjija għall-istampar u bi tħejjija għall-midja
		18.14	Legatura u servizz relatati
	18.2		Riproduzzjoni tal-midja reġistrata

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		18.20	Riproduzzjoni tal-midja reġistrata
19			Manifattura tal-prodotti tal-kokk u tal-petroleum
	19.1		Manifattura tal-prodotti tal-fran tal-kokk
		19.10	Manifattura tal-prodotti tal-fran tal-kokk
	19.2		Manifattura tal-prodotti tal-petroleum raffinat u tal-prodotti tal-fjuwils fossili
		19.20	Manifattura tal-prodotti tal-petroleum raffinat u tal-prodotti tal-fjuwils fossili
20			Manifattura tas-sustanzi kimiċi u tal-prodotti kimiċi
	20.1		Manifattura tas-sustanzi kimiċi bażiċi, tal-fertilizzanti u tal-komposti tan-nitroġenu, il-plastik u l-lastku sintetiku f'forom primarji
		20.11	Manifattura tal-gassijiet industrijali
		20.12	Manifattura tal-kuluranti u l-pigmenti
		20.13	Manifattura ta' kimiċi bażiċi inorganiċi oħra
		20.14	Manifattura ta' kimiċi bażiċi organiċi oħra
		20.15	Manifattura tal-fertilizzanti u l-komposti tan-nitroġenu
		20.16	Manifattura tal-plastik f'forom primarji
		20.17	Manifattura tal-lastku sintetiku f'forom primarji
	20.2		Manifattura tal-pestiċidi, tad-diżinfettanti u ta' prodotti agrokimiċi oħra
		20.20	Manifattura tal-pestiċidi, tad-diżinfettanti u ta' prodotti agrokimiċi oħra
	20.3		Manifattura taż-żebgħa, il-verniċ u kisi simili, il-linka u l-gomom tal-istampar
		20.30	Manifattura taż-żebgħa, il-verniċ u kisi simili, il-linka u l-gomom tal-istampar
	20.4		Manifattura tal-preparati tal-ħasil, tat-tindif u tal-illostrar
		20.41	Manifattura tas-sapun u d-deterġenti, il-preparati tat-tindif u tal-illostrar
		20.42	Manifattura tal-fwieħa u tal-preparati tat-twaletta
	20.5		Manifattura ta' prodotti kimiċi oħra
		20.51	Manifattura tal-bijofjuwils likwidi
		20.59	Manifattura ta' prodotti kimiċi oħra m.k.b.
	20.6		Manifattura tal-fibri magħmulin mill-bniedem
		20.60	Manifattura tal-fibri magħmulin mill-bniedem
21			Manifattura tal-prodotti farmacewtici bazici u tal-preparati farmaċewtiċi
	21.1		Manifattura tal-prodotti farmaċewtiċi bażiċi
		21.10	Manifattura tal-prodotti farmaċewtiċi bażiċi

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
	21.2		Manifattura tal-preparati farmaċewtiċi
		21.20	Manifattura tal-preparati farmaċewtiċi
22			Manifattura tal-prodotti tal-lastku u tal-plastik
	22.1		Manifattura tal-prodotti tal-lastku
		22.11	Manifattura, riġenerazzjoni u rikostruzzjoni tat-tajers tal-lastku, u manifattura tat-tubi
		22.12	Manifattura ta' prodotti oħra tal-lastku
	22.2		Manifattura ta' prodotti oħra tal-plastik
		22.21	Manifattura tal-pjanċi, il-folji, it-tubi u l-profili tal-plastik
		22.22	Manifattura tal-oġġetti tal-imballaġġ tal-plastik
		22.23	Manifattura tal-bibien u t-twieqi tal-plastik
		22.24	Manifattura tal-oġġetti tal-plastik tal-bennejja
		22.25	Ipproċessar u finitura tal-prodotti tal-plastik
		22.26	Manifattura ta' prodotti tal-plastik oħra
23			Manifattura ta' prodotti minerali nonmetalliċi oħra
	23.1		Manifattura tal-ħġieġ u l-prodotti tal-ħġieġ
		23.11	Manifattura tal-ħġieġ ċatt
		23.12	Iffurmar u pproċessar tal-ħġieġ ċatt
		23.13	Manifattura tal-ħġieġ vojt
		23.14	Manifattura tal-fibri tal-ħġieġ
		23.15	Manifattura u pproċessar ta' ħġieġ ieħor, inkluż oġġetti tekniċi tal-ħġieġ
	23.2		Manifattura tal-prodotti rifrattarji
		23.20	Manifattura tal-prodotti rifrattarji
	23.3		Manifattura tal-materjal tal-bini tat-tafal
		23.31	Manifattura tal-madum taċ-ċeramika u ċ-ċangaturi
		23.32	Manifattura tal-briks, tal-madum u tal-prodotti tal-bini, mit-tafal moħmi
	23.4		Manifattura ta' prodotti oħra tal-porċellana u taċ-ċeramika
		23.41	Manifattura tal-oġġetti domestiċi taċ-ċeramika u ornamenti
		23.42	Manifattura tal-fissuri sanitarji taċ-ċeramika
		23.43	Manifattura tal-insulaturi taċ-ċeramika u l-fittings tal-insulaturi
		23.44	Manifattura ta' prodotti tekniċi taċ-ċeramika oħra
		23.45	Manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika oħra
	23.5		Manifattura tas-siment, il-ġir u l-ġibs
		23.51	Manifattura tas-siment

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		23.52	Manifattura tal-ġir u l-ġibs
	23.6		Manifattura tal-oġġetti tal-konkos, tas-siment u tal-ġibs
		23.61	Manifattura tal-oġġetti tal-konkos għall-bini
		23.62	Manifattura tal-prodotti tal-ġibs għall-bini
		23.63	Manifattura tal-konkos imħallat lest
		23.64	Manifattura tat-tajn għall-bini
		23.65	Manifattura tas-siment bil-fibri
		23.66	Manifattura ta' oġġetti oħra tal-konkos, tas-siment u tal-ġibs
	23.7		Qtugħ, iffurmar u finitura tal-ġebel
		23.70	Qtugħ, iffurmar u finitura tal-ġebel
	23.9		Manifattura tal-prodotti abrażivi u l-prodotti minerali nonmetalliċi m.k.b.
		23.91	Manifattura tal-prodotti abrażivi
		23.99	Manifattura ta' prodotti minerali nonmetalliċi oħra m.k.b.
24			Manifattura tal-metalli bażiċi
	24.1		Manifattura tal-ħadid u l-azzar bażiċi u tal-ligi tal-ħadid
		24.10	Manifattura tal-ħadid u l-azzar bażiċi u tal-ligi tal-ħadid
	24.2		Manifattura tat-tubi, l-pajpijiet, il-profili kavati u l-fittings relatati, tal-azzar
		24.20	Manifattura tat-tubi, l-pajpijiet, il-profili kavati u l-fittings relatati, tal-azzar
	24.3		Manifattura ta' prodotti oħra tal-ewwel ipproċessar tal-azzar
		24.31	Ġbid bil-kiesaħ tal-vireg
		24.32	Laminazzjoni bil-kiesaħ tal-vireg dojoq
		24.33	Iffurmar jew tiwi bil-kiesaħ
		24.34	Ġbid bil-kiesaħ tal-wajer
	24.4		Manifattura tal-metalli prezzjużi bażiċi u ta' metalli nonferruży oħra
		24.41	Produzzjoni tal-metalli prezzjużi
		24.42	Produzzjoni tal-aluminju
		24.43	Produzzjoni taċ-ċomb, iż-żingu u l-landa
		24.44	Produzzjoni tar-ram
		24.45	Produzzjoni ta' metalli nonferruży oħra
		24.46	Ipproċessar tal-fjuwil nukleari
	24.5		Fondar tal-metalli
		24.51	Fondar tal-ħadid
		24.52	Fondar tal-azzar

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		24.53	Fondar tal-metalli ħfief
		24.54	Fondar ta' metalli nonferruż oħra
25			Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikati, għajr il-makkinarju u t-tagħmir
	25.1		Manifattura tal-prodotti strutturali tal-metall
		25.11	Manifattura tal-istrutturi u l-partijiet tal-istrutturi tal-metall
		25.12	Manifattura tal-bibien u t-twieqi tal-metall
	25.2		Manifattura tat-tankijiet, il-ġibjuni u l-kontenituri tal-metall
		25.21	Manifattura tar-radjaturi, il-ġeneraturi tal-istim u l-bojlers tat-tisħin ċentrali
		25.22	Manifattura ta' tankijiet, ġibjuni u kontenituri tal-metall oħra
	25.3		Manifattura tal-armi u l-munizzjon
		25.30	Manifattura tal-armi u l-munizzjon
	25.4		Xogħol bil-forġa u ffurmar tal-metall u l-metallurġija tat-trab
		25.40	Xogħol bil-forġa u ffurmar tal-metall u l-metallurġija tat-trab
	25.5		Trattament u kisi tal-metalli; xogħol bil-magni
		25.51	Kisi tal-metalli
		25.52	Trattament bis-sħana tal-metalli
		25.53	Xogħol bil-magni tal-metalli
	25.6		Manifattura tal-pożati, l-għodod u ferramenta ġenerali
		25.61	Manifattura tal-pożati
		25.62	Manifattura tas-serraturi u ċ-ċappetti
		25.63	Manifattura tal-għodod
	25.9		Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikati oħra
		25.91	Manifattura tat-tankijiet tal-azzar u ta' kontenituri simili
		25.92	Manifattura tal-metall ħafif tal-ippakkjar
		25.93	Manifattura tal-prodotti tal-wajer, il-ktajjen u l-molol
		25.94	Manifattura tal-prodotti tal-irbit u l-viti għall-makkinarju
		25.99	Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikati oħra m.k.b.
26			Manifattura tal-prodotti tal-kompjuters, elettroniċi u ottiċi
	26.1		Manifattura tal-komponenti u l-bordijiet elettroniċi
		26.11	Manifattura tal-komponenti elettroniċi
		26.12	Manifattura tal-bordijiet elettroniċi mimlija
	26.2		Manifattura tal-kompjuters u t-tagħmir periferali
		26.20	Manifattura tal-kompjuters u t-tagħmir periferali
	26.3		Manifattura tat-tagħmir tal-komunikazzjoni

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		26.30	Manifattura tat-tagħmir tal-komunikazzjoni
	26.4		Manifattura tal-prodotti elettroniċi għall-konsum
		26.40	Manifattura tal-prodotti elettroniċi għall-konsum
	26.5		Manifattura tal-istrumenti tal-ittestjar u tal-kejl, l-arloġġi u l-arloġġi tal-id
		26.51	Manifattura tal-istrumenti u l-apparati tal-kejl, tal-ittestjar, u tan-navigazzjoni
		26.52	Manifattura tal-arloġġi u l-arloġġi tal-id
	26.6		Manifattura tat-tagħmir tal-irradjazzjoni, elettromediku u elettroterapewtiku
		26.60	Manifattura tat-tagħmir tal-irradjazzjoni, elettromediku u elettroterapewtiku
	26.7		Manifattura tal-istrumenti ottiċi, il-mezzi manjetiċi u ottiċi u t-tagħmir fotografiku
		26.70	Manifattura tal-istrumenti ottiċi, il-mezzi manjetiċi u ottiċi u t-tagħmir fotografiku
27			Manifattura tat-tagħmir elettriku
	27.1		Manifattura tal-muturi tal-elettriku, il-ġeneraturi, it-trasformaturi u l-apparat tad-distribuzzjoni u tal-kontroll tal-elettriku
		27.11	Manifattura tal-muturi, il-ġeneraturi u t-trasformaturi elettriċi
		27.12	Manifattura tal-apparat tad-distribuzzjoni u tal-kontroll tal-elettriku
	27.2		Manifattura tal-batteriji u l-akkumulaturi
		27.20	Manifattura tal-batteriji u l-akkumulaturi
	27.3		Manifattura tal-wajers u l-apparati għall-wajers
		27.31	Manifattura tal-cables fibrottiċi
		27.32	Manifattura ta' wajers u cables elettroniċi u elettriċi oħra
		27.33	Manifattura tal-apparati għall-wajers
	27.4		Manifattura tat-tagħmir tad-dawl
		27.40	Manifattura tat-tagħmir tad-dawl
	27.5		Manifattura tal-apparati domestiċi
		27.51	Manifattura tal-istrumenti domestiċi elettriċi
		27.52	Manifattura tal-apparati domestiċi mhux tal-elettriku
	27.9		Manifattura ta' tagħmir elettriku ieħor
		27.90	Manifattura ta' tagħmir elettriku ieħor
28			Manifattura tal-makkinarju u t-tagħmir m.k.b.
	28.1		Manifattura tal-makkinarju bi skop ġenerali

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		28.11	Manifattura tal-magni u t-turbini, għajr il-magni tal-inġenji tal-ajru, tal-vetturi u tal-muturi
		28.12	Manifattura tat-tagħmir b'potenza mill-fluwidi
		28.13	Manifattura ta' pompi u kumpressuri oħra
		28.14	Manifattura ta' viti u valvi oħra
		28.15	Manifattura tal-berings, il-gerijiet, elementi tal-gerijiet u tas-sewqan
	28.2		Manifattura ta' makkinarju ieħor bi skop ġenerali
		28.21	Manifattura tal-fran u tat-tagħmir permanenti għat-tisħin domestiku
		28.22	Manifattura tat-tagħmir tal-irfigħ u tal-maniġġ
		28.23	Manifattura tal-makkinarju u t-tagħmir tal-uffiċċji, għajr il-kompjuters u t-tagħmir periferali
		28.24	Manifattura tal-għodod tal-id motorizzati
		28.25	Manifattura tat-tagħmir mhux domestiku tal-arja kundizzjonata
		28.29	Manifattura ta' makkinarju ieħor bi skop ġenerali m.k.b.
	28.3		Manifattura tal-makkinarju tal-agrikoltura u tal-forestrija
		28.30	Manifattura tal-makkinarju tal-agrikoltura u tal-forestrija
	28.4		Manifattura tal-makkinarju għall-iffurmar tal-metall u l-għodod mekkaniċi
		28.41	Manifattura tal-makkinarju għall-iffurmar tal-metall u l-għodod mekkaniċi għal xogħol tal-metall
		28.42	Manifattura ta' għodod mekkaniċi oħra
	28.9		Manifattura ta' makkinarju ieħor bi skop speċjali
		28.91	Manifattura tal-makkinarju għall-metallurġija
		28.92	Manifattura tal-makkinarju għall-estrazzjoni mill-minjieri, għat-tqattigħ mill-barrieri u għall-bini
		28.93	Manifattura tal-makkinarju għall-ipproċessar tal-ikel, tax-xorb u tat-tabakk
		28.94	Manifattura tal-makkinarju għall-produzzjoni tat-tessuti, tal-ilbies u tal-ġilda
		28.95	Manifattura tal-makkinarju għall-produzzjoni tal-karta u l-kartun
		28.96	Manifattura tal-makkinarju tal-plastik u tal-lastku
		28.97	Manifattura tal-makkinarju tal-manifattura addittiv
		28.99	Manifattura ta' makkinarju ieħor bi skop speċjali m.k.b.
29			Manifattura tal-vetturi motorizzati, it-trejlers u s-semitrejlers
	29.1		Manifattura tal-vetturi motorizzati
		29.10	Manifattura tal-vetturi motorizzati

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
	29.2		Manifattura tax-xażì u l-karozzerija tal-vetturi motorizzati; manifattura tat-trejlers u s-semitrejlers
		29.20	Manifattura tax-xażì u l-karozzerija tal-vetturi motorizzati; manifattura tat-trejlers u s-semitrejlers
	29.3		Manifattura tal-partijiet u l-aċċessorji tal-vetturi motorizzati
		29.31	Manifattura tat-tagħmir elettriku u elettroniku tal-vetturi motorizzati
		29.32	Manifattura ta' partijiet u aċċessorji oħra tal-vetturi motorizzati
30			Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport
	30.1		Bini tal-bastimenti u d-dgħajjes
		30.11	Bini tad-dgħajjes ċivili u strutturi għal fuq wiċċ l-ilma
		30.12	Bini tad-dgħajjes tal-isport
		30.13	Bini tal-bastimenti u l-vapuri militari
	30.2		Manifattura tal-lokomottivi u l-vetturi ferrovjarji
		30.20	Manifattura tal-lokomottivi u l-vetturi ferrovjarji
	30.3		Manifattura tal-inġenji tal-ajru u tal-ispazju u l-makkinarju relatat
		30.31	Manifattura tal-inġenji ċivili tal-ajru u tal-ispazju u l-makkinarju relatat
		30.32	Manifattura tal-inġenji militari tal-ajru u tal-ispazju u l-makkinarju relatat
	30.4		Manifattura tal-vetturi tal-ġlied militari
		30.40	Manifattura tal-vetturi tal-ġlied militari
	30.9		Manifattura tat-tagħmir tat-trasport m.k.b.
		30.91	Manifattura tal-muturi
		30.92	Manifattura tar-roti u l-vetturi għall-mobbiltà assistita
		30.99	Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport m.k.b.
31			Manifattura tal-għamara
	31.0		Manifattura tal-għamara
		31.00	Manifattura tal-għamara
32			Manifattura oħra
	32.1		Manifattura tal-ġojjellerija, il-biġotterija u l-oġġetti relatati
		32.11	Zekkar ta' muniti
		32.12	Manifattura tal-ġojjellerija u l-oġġetti relatati
		32.13	Manifattura tal-ġojjellerija ta' imitazzjoni u l-oġġetti relatati
	32.2		Manifattura tal-istrumenti mużikali
		32.20	Manifattura tal-istrumenti mużikali
	32.3		Manifattura tal-oġġetti sportivi
		32.30	Manifattura tal-oġġetti sportivi

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
	32.4		Manifattura tal-logħob u l-ġugarelli
		32.40	Manifattura tal-logħob u l-ġugarelli
	32.5		Manifattura tal-istrumenti u l-provvisti mediċi u tad-dentistrija
		32.50	Manifattura tal-istrumenti u l-provvisti mediċi u tad-dentistrija
	32.9		Manifattura m.k.b.
		32.91	Manifattura tal-ixkupi u l-ixkupilji
		32.99	Manifattura oħra m.k.b.
33			Tiswija, manutenzjoni u installazzjoni tal-makkinarju u tat-tagħmir
	33.1		Tiswija u manutenzjoni tal-prodotti tal-metall fabbrikati, tal-makkinarju u tat-tagħmir
		33.11	Tiswija u manutenzjoni tal-prodotti tal-metall fabbrikati
		33.12	Tiswija u manutenzjoni tal-makkinarju
		33.13	Tiswija u manutenzjoni tat-tagħmir elettroniku u ottiku
		33.14	Tiswija u manutenzjoni tat-tagħmir elettriku
		33.15	Tiswija u manutenzjoni tal-bastimenti u d-dgħajjes ċivili
		33.16	Tiswija u manutenzjoni tal-inġenji ċivili tal-ajru u tal-ispazju
		33.17	Tiswija u manutenzjoni ta' tagħmir ieħor tat-trasport ċivili
		33.18	Tiswija u manutenzjoni tal-vetturi, il-bastimenti, id-dgħajjes, l-inġenji tal-ajru u spazjali, tal-ġlied militari
		33.19	Tiswija u manutenzjoni ta' tagħmir ieħor tat-trasport
	33.2		Installazzjoni tal-makkinarju u t-tagħmir industrijali
		33.20	Installazzjoni tal-makkinarju u t-tagħmir industrijali
			TAQSIMA D — PROVVISTA TAL-ELETTRIKU, IL-GASS, L-ISTIM U L-ARJA KUNDIZZJONATA
35			Provvista tal-elettriku, il-gass, l-istim u l-arja kundizzjonata
	35.1		Ġenerazzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku
		35.11	Produzzjoni tal-elettriku minn sorsi mhux rinnovabbli
		35.12	Produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli
		35.13	Trażmissjoni tal-elettriku
		35.14	Distribuzzjoni tal-elettriku
		35.15	Kummerċ tal-elettriku
		35.16	Ħżin tal-elettriku
	35.2		Manifattura tal-gass, u distribuzzjoni tal-fjuwils gassużi permezz tal-mejns

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		35.21	Manifattura tal-gass
		35.22	Distribuzzjoni tal-fjuwils gassużi permezz tal-mejns
		35.23	Kummerċ tal-gass permezz tal-mejns
		35.24	Ħżin tal-gass bħala parti minn servizzi tal-provvista tan-network
	35.3		Provvista tal-istim u l-arja kundizzjonata
		35.30	Provvista tal-istim u l-arja kundizzjonata
	35.4		Attivitajiet tas-sensara u l-aġenti għall-enerġija elettrika u l-gass naturali
		35.40	Attivitajiet tas-sensara u l-aġenti għall-enerġija elettrika u l-gass naturali
			TAQSIMA E — PROVVISTA TAL-ILMA; SISTEMI TAD-DRENAĠĠ, IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART U ATTIVITAJIET RIMEDJATORJI
36			Ġbir, trattament u provvista tal-ilma
	36.0		Ġbir, trattament u provvista tal-ilma
		36.00	Ġbir, trattament u provvista tal-ilma
37			Sistemi tad-drenaġġ
	37.0		Sistemi tad-drenaġġ
		37.00	Sistemi tad-drenaġġ
38			Attivitajiet tal-ġbir, l-irkupru u r-rimi tal-iskart
	38.1		Ġbir tal-iskart
		38.11	Ġbir tal-iskart mhux perikoluż
		38.12	Ġbir tal-iskart perikoluż
	38.2		Irkupru tal-iskart
		38.21	Irkupru tal-materjali
		38.22	Irkupru tal-enerġija
		38.23	Irkupru ieħor tal-iskart
	38.3		Rimi tal-iskart bla rkupru
		38.31	Inċinerazzjoni bla rkupru tal-enerġija
		38.32	Rimi fil-miżbla jew ħżin permanenti
		38.33	Rimi ieħor tal-iskart
39			Attivitajiet rimedjatorji u ta' servizz oħra tal-immaniġġjar tal-iskart
	39.0		Attivitajiet rimedjatorji u ta' servizz oħra tal-immaniġġjar tal-iskart
		39.00	Attivitajiet rimedjatorji u ta' servizz oħra tal-immaniġġjar tal-iskart
			TAQSIMA F — KOSTRUZZJONI
41			Kostruzzjoni ta' binjiet residenzjali u mhux residenzjali
	41.0		Kostruzzjoni ta' binjiet residenzjali u mhux residenzjali

m.k.b.: mhux klassifikati band'oħra

Diviżjoni	Grupp	Klassi	
		41.00	Kostruzzjoni ta' binjiet residenzjali u mhux residenzjali
42			Inġinerija ċivili
	42.1		Kostruzzjoni tat-toroq u tal-binarji ferrovjarji
		42.11	Kostruzzjoni tat-toroq u l-awtostradi
		42.12	Kostruzzjoni tal-binarji ferrovjarji fuq l-art u taħt l-art
		42.13	Kostruzzjoni tal-pontijiet u l-mini
